MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2014

Numru. 97/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Saviour Camilleri**
**Rita Camilleri**

Kaz Numru: 97/2012

Illum 6 ta' Mejju 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet[1] migjuba kontra:

**Saviour Camilleri**, ta' erbgha u sittin (64) sena, iben il-mejtin Joseph u Maria neé Mifsud, imwieled in-Nadur, Ghawdex, fil-5 ta' Ottubru 1948 u residenti fil-fond 'Sutir', Triq ir-Rabat, Nadur, Ghawdex, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 73348(G)

u

**Rita Camilleri**, mart Saviour ta' tlieta u sittin (63) sena, bint il-mejjet Francis Mizzi u Grace neé Farrugia, imwielda Nadur, Ghawdex fit-12 ta' Gunju 1949 u residenti fil-fond 'Sutir', Triq ir-Rabat, Nadur, Ghawdex, detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 50949(G)

akkuzati talli fl-4 ta' Dicembru 2012, f'xi hin ghall-habta ta' 12 :15hrs, waqt li kienu qeghdin gewwa r-residenza 'Sutir' li tinsab fi Triq ir-Rabat, Nadur u fil-vicinanzi:

1. ikkagunaw offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' oht l-imputat Saviour Camilleri u cioé Bernarda Azzopardi detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 19875(G), hekk kif gie certifikat minn Dr. J. Vella tal-Isptar Generali t'Ghawdex;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kisru l-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u glied.

[1] Dok. "X" – *a fol.* 105 *et seq.*

**<u>Lil Saviour Camilleri wahdu talli</u>**:

3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bil-hsieb li jikkommetti reat u cioé offiza ta' natura gravi u permanenti fuq il-persuna ta' ohtu Bernarda Azzopardi, detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 19875(G), wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta tieghu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' tal-imsemmija Bernarda Azzopardi u l-familja taghha, minn issa tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Il-Qorti giet mitluba wkoll illi, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mil-ligi, jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' Bernarda Azzopardi u l-familja taghha u terzi persuni sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hatja b'obbligazzjoni taghhom innifishom taht penali ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 117) datata 20 ta' Mejju 2013 li permezz taghha baghat lill-imputati biex jigu ggudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

**<u>fil-konfront ta' Saviour Camilleri</u>**:

(a) Artikoli 214, 221, 222(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Artikoli 41(1)(a), 218(1)(a) u (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) Artikoli 383, 384, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>fil-konfront ta' Rita Camilleri</u>**:

(a) Artikoli 214, 221, 222(1)(a) u 202(h)(vii) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Artikoli 383, 384, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tal-10 ta' Lulju 2013 (*a fol.* 122), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fl-20 ta' Mejju 2013, f'liema seduta l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-imputati jixhdu minn jeddhom u b'mod volontarju.

Semghet ix-xhud prodott mid-difiza.

Semghet is-sottomisjonijiet finali *da parte* tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza (*a fol.* 142 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xhieda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Dicembru 2012, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Bernard Charles spiteri** (*a fol.* 30 *et seq.*) rigward l-investigazzjonijiet redatti minnu. Ikkonferma li giet mehuda stqarrija miz-zewg imputati. Fost diversi dokumenti, ezebixxa numru ta' ritratti (Dok. "BS 1" sa "BS 11" – *a fol.* 35) li juru s-segwenti: il-post ta' fejn gara l-incident, xi taqtir tad-demm fl-art u fuq il-vettura, u pum ta' bieb imkisser. Jixhed li fil-basket li kellu l-imputat instab *thermos* li x'aktarx ikkaguna l-griehi lill-kwerelanta. Dan il-basket gie elevat mid-dar tal-imputat.

L-i**Spettur Bernard Charles Spiteri**, rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2013 (*a fol.* 53) fejn qal li, skond l-imputat, l-imputat kien xejjer id-daqqa bil-basket bit-*thermos* fil-konfront tal-kwerelanta u laqatha f'wiccha.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Dicembru 2012, xehed ukoll **Salvu Azzopardi** (*a fol.* 38 *et seq.*) fejn qal li fl-4 ta' Dicembru 2012 ghal xi 11.30am-12.30pm kien qed jahdem flimkien mat-tfal tieghu Josef u Peter Paul. Jghid li rcieva telefonata minn ghand martu l-kwerelanta Bernarda Azzopardi li qaltlu biex imur hdejha

ghax kienet qieghda god-demm. Jixhed li marru l-garaxx u ra lill-martu mimduda mal-art god-demm. Jghid li t-tfal bdew jghajjtu. Jispjega li martu kellha daqqa fonda fuq mohhha fuq il-lemin. Jghid li l-garaxx huwa tieghu u fih joqghod ibnu u magenbu joqghod l-imputat.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Dicembru 2012, xehed ukoll **Josef Azzopardi** (*a fol.* 44 *et seq.*) fejn spjega li kien flimkien ma' missieru u huh, u ommu l-kwerelanta cemplet lil missieru u marru l-garaxx ta' missieru, liema garaxx juzawh hu u huh. Jghid li x'hin dahlu fil-garaxx, setgha jara lill-ommu bil-qeghda u kienet kollha demm li beda hiereg minn wiccha.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2013, xehed **PS 1233 John Attard** (*a fol.* 57 *et seq.*) rigward ir-rapport li gie mmarkat bhala Dok. "JA 1" (*a fol.* 60 *et seq.*). Jghid li r-rapport bdieh hu u komplieh PS 676.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2013, xehdet ukoll **Bernarda Azzopardi** (*a fol.* 64 *et seq.*) fejn qalet li fl-4 ta' Dicembru 2012 marret bl-ikel ghat-tfal taghha fil-garaxx fin-Nadur u gie huha l-imputat minn faccata u peress li ma kienx ikellimha ghal xi zmien, hi staqsietu *"Jien x'ghamiltlek?"*. Tghid li beda jghidilha: *"hlift gurament falz! Mur qerr! Mur qerr!"* (*a fol.* 65) Tispjega li huha fetah il-bieb tal-garaxx tieghu u hi kienet fuq il-bankina u x'hin beda jghidilha bil-gurament falz, hi bdiet tghidlu *"nirrangaw, nirrangaw"* (*a fol.* 66) u giet mart l-imputat, l-imputata, u tghid: *"U jien bqajt nghidlu, "nirrangaw, nirrangaw" u hu aktar jghidli, "hlift! Mur qerr! Mur qerr!" u ma jghidlix. Imbaghad ma nafx x'gara, gejna fl-idejn u tani daqqa go rasi"* (*a fol.* 66). Tghid li qabel ta daqqa, hi bdiet tghidlu: *"ghidli, ghidli, ghidli x'inhu!"* (*a fol.* 67) u hi harget idejha l-leminija kollha

kemm hi lejn l-imputat, u tghid: *"qisni gbidtu minn spalltu"* (*a fol.* 67) u wara dan l-imputat ta' daqqa go rasha u ghamlilha hames punti. Mistoqsija tghid jekk tafx biex giet milquta f'rasha tghid li ma tafx. Tixhed li wara li qalghet din id-daqqa, marret fil-garaxx taghhom (taghha u tar-ragel) u beda nizel hafna demm minn maghha u cemplet lil zewgha li mar fuq il-post flimkien mat-tfal.

Murija t-*thermos* (Dok. "BS 13), tghid li dan ma ratux. Tispjega li rat lill-imputat gej b'xi haga f'idejh. Ma tafx x'kellu. Tixhed li rat lill-imputat jolqotha billi nizzel idu b'sahha go rasha. Tghid li l-imputata kienet prezenti meta qalghet id-daqqa.

In kontro-ezami tghid li x'hin rat lil huha gej, kellmitu f'liema hin l-imputat kien quddiem il-garaxx tieghu. Tghid li dahlet fil-garaxx tal-imputat. Tixhed li l-imputat laqatgha darba u li l-imputata ma refghetx idejha fuqha.

Bernarda Azzopardi regghet hadet il-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-17 ta' April 2013 (*a fol.* 112 *et seq.*) fejn tghid li l-incident sehh fuq l-ghatba, fejn il-bieb. Tghid li xi sentejn qabel l-akkadut mertu ta' din il-kawza, ghamlet *check-up* normali f'ghajnejha u li ma tafx jekk ghadhomx jezistu c-certifikati. Tispjega li qabel l-akkadut ma kienet tbaghti minn xejn minn ghajnejha. Tghid li wara l-akkadut kellha taghmel nuccali.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2013, xehed ukoll **Peter Paul Azzopardi** (*a fol.* 74 *et seq.*) fejn qal li kien flimkien ma' missieru u huh u missieru qallu biex imorru hdejn ommu ghax kienu tawha xebgha. Jghid li kif wasal ra l-vettura ta' ommu, ma

genbha ftit demm u dahal fil-garaxx u ra lil ommu bil-qieghda kollha demm b'roqgha demm quddiemha.

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2013, xehdet **Dr. Amy Camilleri** (*a fol.* 87 *et seq.*) fejn ikkonfermat il-kontenut tac-certifikat mediku rilaxxat minnha li gie ezebiet u mmarkat bhala Dok. "AC 1" (*a fol.* 92). Tghid li l-kwerelanta qaltilha li ghajn minnhom kienet minn dejjem naqra batuta. Tixhed: *"X'hin ezaminajtha kollox kien normali hlief li kellha dawk li nghidulhom floaters jigifieri l-jelly ta' wara tal-ghajn kien jiccaqlaq u jkun hemm certu sinjali. […D]awn ma nafx kemm kien ilhom hemm; jistghu jigu minhabba hafna ragunijiet. Jekk kienux godda jew le, ma nistax nghid"* (*a fol.* 88). Tghid li l-kwerelanta kellha ghajn akbar mill-ohra li *"tista' tigi jekk tistrenja jew jekk tqandel jekk taqla' daqqa, tista' tigi minn hafna affarijiet, jew ikollok ghajnejk tkun ikbar mis-soltu, hemm hafna ragunijiet ghaliha. Issa, il-problema jekk tkun minhabba daqqa, ahna nfittxu, dik meta jiccaqlaq il-jelly, dik mhix problema min-naha taghna. Li ninkwetaw li meta jiccaqlaq il-jelly ma jmurx icarrat xi bicca mis-saff ta' wara tal-ghajn, ir-retina. […K]ont ergajt gibtha u qatt ma rajt dan it-ticrit u hekk"* (*a fol.* 88).

In <u>kontro-ezami</u>, mistoqsija tghid jekk il-*floaters* jistghux ikunu anki rizultat ta' *degeneration* tal-ghajn, tghid: *"Ezatt, ezatt. U dik tista' tigi mid-daqqa ukoll"* (*a fol.* 90). Tghid li ma kienx hemm marki fuq l-ghajnejn minn barra.

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2013, xehdet ukoll **Dr. Suzanne Vella** (*a fol.* 93 *et seq.*) fejn ikkonfermat l-kontenut tac-certifikat mediku rilaxxat minnha li gie ezebiet u mmarkat bhala Dok. "BS 5" (*a fol.* 11).

In <u>kontro-ezami</u> tghid li l-gerha kienet qrib il-*hairline*.

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2013, xehed ukoll **PS 676 Edelon Spiteri** (*a fol.* 95 *et seq.*) fejn ikkonferma li kien zied dik il-parti li tidher taht ismu fir-rapport immarkat bhala Dok. "BS 9" (*a fol.* 22 *et seq.*). Ikkonferma li ha r-ritratti li gew immarkati u ezebiti bhala Dok. "BS 1" sa "BS 11" (*a fol.* 35).

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2013, xehed ukoll **PC 625 Josef Saliba** (*a fol.* 98 *et seq.*) fejn, fost l-ohrajn, ikkonferma li l-imputat tahom *thermos* tal-hadid go basket tac-carruta. Ikkonferma li tali *thermos* huwa dak li gie mmarkat bhala Dok. "BS 13".

In <u>kontro-ezami</u> jghid li dakinhar tal-akkadut mar fil-garaxx ta' Camilleri u li gewwa l-garaxx ta' Camilleri ma ra l-ebda qtar ta' demm pero kkonferma li kien hemm demm fuq ir-rampa. Ikkonferma li l-pum tal-garaxx kien maqlugh. Mistoqsi jghid jekk hux minnu li kien mill-bidu li l-imputat qalilhom li dik il-hsara kienet ghamlitha l-kwerelanta, jghid li hu kien involut fl-istqarrija u ftakar lill-imputat jghid li hu ma ried l-ebda flus tal-pum.

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2013, xehdet **Rita Camilleri** (*a fol.* 124 *et seq.*) fejn tispjega li dakinhar tal-akkadut kienet fil-kcina u semghet xi ghajjat gej mill-garaxx li jinsab f'livell mat-triq, liema garaxx ma kienx imsakkar. Gharfet il-lehen tal-kwerelanta u ta' zewgha l-imputat. Tghid: *"inzilt u nara lir-ragel tieghi fil-kamra tat-tarag kien tiela' t-targa u kien fil-garaxx tghajjat u xxejjer idejha fl-ajru"* (*a fol.* 126). Tghid: *"Imbaghad ir-ragel tieghi dahal fil-garaxx u qallha, "Hawn gew xi dhalt taghmel? Ohrogli 'l barra minn hawn gew". U hi bdiet tghajjat, "Ghaliex qed tghidli*

*hekk?" U mbottaha hafna bi kliemu biex tohrog 'il barra"* (*a fol.* 126). Tghid li zewgha beda jghid lill-kwerelanta biex tmur tqerr. Tixhed li lill-kwerelanta staqsietha ghaliex kienet dahlet hemm gew, u tghid li l-kwerelanta *"daret fuqi ssawwatni, laqtitni daqqa ta' ponn go wicci, girfitli mniehri, tieghi jghidilha, "Ohrog 'il barra, ohrog 'il barra, ghax jiena…" u daret ghalih; hatfitlu wiccu u qabditu mill-flokk u ttih. Hu ghandu pacemaker, u dan kellu l-basket xejjer idu, kien diehel minn gol-ghalqa dan, kellu t-thermos fil-baskett tac-carruta"* (*a fol.* 127). Tghid li x'hin xejjer idu, laqatgha. Tghid li l-kwerelanta harget il-barra u hi (Rita) mbottat il-bieb tal-garaxx u ghalqet il-bieb u zewgha qalilha biex imorru l-Ghassa biex ohtu tigi mwissija. Tghid li l-kwerelanta gibdet lill-imputat mill-flokk. Tiddeskrivi lill-kwerelanta bhala li kienet *"ifferocjata"* (*a fol.* 128).

In <u>kontro-ezami</u> tghid li l-kwerelanta hatfet lill-imputat minn taht ghajnu u hargitlu d-demm. Tghid li l-imputat gie mittiehed il-*clinic* tar-Rabat. Tixhed li hi kellha xi griehi f'imnehirha. Tichad li waqt l-argument mbottat lill-kwerelanta. Tghid li fl-ebda hin ma messet lill-kwerelanta. Tghid: *"Le, hi hi x'hin bdiet ittina gejna fl-idejn; hi bdiet ittina x'hin bdiet taghti lir-ragel x'hin bdiet taghti lir-ragel jien provajt nilqalghu ghax hu ghandu l-pacemaker hawn qieghda taht il-gilda […]. Qatlitu zgur kieku laqtitu"* (*a fol.* 129). Ghal darb'ohra tghid li lill-kwerelanta ma messethiex.

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2013, xehed **Saviour Camilleri** (*a fol.* 131 *et seq.*) fejn qal li dakinhar tal-akkadut ohtu l-kwerelanta ghaddiet minn mieghu bil-vettura u waqfet quddiem il-garaxx taghha. Jghid li qaghdet tistennieh u bdiet tistaqsieh x'ghamlitlu, u hu qalilha biex tmur tqerr u hu dahal il-gewwa u ma kelliemha xejn. Jghid li dahal fil-garaxx tat-tifla tieghu u l-kwerelanta baqghet diehla warajh, baqa' diehel ghal gol-

kamra tat-tarag, nizlet martu l-imputata u bdew jghidulha biex titlaq il-barra u f'hin minnhom il-kwerelanta tat daqqa ta' ponn lill-martu. Jghid li hu messiehx lill-kwerelanta u hi fferocjat ghalih. Jghid: *"Kilitini. U qabditli idi, niftakar, ehe, tatni bdiet ttini go spallti u tilfitni, intlift. U kelli thermos f'idi bil-basket"* (*a fol.* 133). Jghid li dan kien mieghu ghax jiehu xi pilloli peress li ghandu l-*pacemaker*. Jghid: *"xejjirtulha u lqattha"* (*a fol.* 133). Jghid li hekk kif laqatha, qal lill-martu l-imputata biex imorru l-Ghassa tal-Pulizija. Jghid li ra lill-kwerelanta fit-triq fejn il-vettura u l-kwerelanta qaltlu biex ma jmurx ghand il-Pulizija ghax hi ma kienitx sejra. Jixhed li meta mar l-Ghassa qal lill-Pulizija biex iwissu lill-ohtu u qalulu biex imur jiddewwa ghax kellu xi demm f'wiccu. Jghid li gie mehud l-isptar.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li meta kien sejjer l-Ghassa ohtu l-kwerelanta kienet fit-triq bil-wieqfa. Jghid li l-kwerelanta kellha naqra demm f'wiccha. Mistoqsi f'liema parti ta' wiccha laqatha meta xejjer id-daqqa bit-*thermos*, jghid li ma jafx. Jaqbel li laqatha f'wiccha. Jghid li fl-istqarrija rilaxxata minnu hu qalilhom li ohtu kienet tatu daqqa ta' ponn.

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2013, xehdet ukoll **Josephine Camilleri** (*a fol.* 137 *et seq.*) fejn qalet li hija bint l-imputati u li dakinhar tal-akkadut kienet l-iskola u rceviet telefonata fejn giet infurmata biex tmur tifi l-forn ta' ommha. Tghid li meta waslet id-dar rat zewg pulizija tat-traffiku quddiem id-dar, u rat il-bieb ta' garaxx (mhux il-garaxx fejn sehh l-akkadut) sgassat u l-pum maqlugh.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel il-Qorti tibda biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati, il-Qorti tinnota li ma tistax tifhem ir-raguni ghala fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2013 (*a fol.* 119) il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma kienitx qed tinsisti ghal dak mitlub f'rekwizit numru wiehed (1) tar-Rinviju tal-Avukat Generali tal-20 ta' Mejju 2013 (*a fol.* 117 *et seq.*) u ghaddiet biex iddikjarat il-provi taghha bhala maghluqa. Ir-rekwizit imsemmi kien jitlob li l-Prosekuzzjoni temenda l-imputazzjonijiet fis-sens illi l-Karta tal-Identita' tal-vittma Bernarda Azzopardi jigi jaqra 19857(G) flok 19875(G). Minn harsa lejn ic-certifikat tat-twelid tal-kwerelanta (Dok. "BS 14" – *a fol.* 77) jirrizulta li dak mitlub mill-Avukat Generali kien wiehed gustifikat. Minkejja li dan ma sarx, il-Qorti tinnota li fl-ebda hin ma gie kkontestat min verament kienet il-kwerelanta f'din il-kawza u ma kienx hemm l-ebda dubju dwar l-identita' taghha[2]. B'hekk il-Qorti ser issa tghaddi biex tikkunsidra l-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tal-imputati.

**<u>Imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata Rita Camilleri</u>**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputata Rita Camilleri. Minn qari tal-Artikoli tal-Ligi li gew indikati fin-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 117) datata 20 ta' Mejju 2013, jirrizulta li l-imputata qed tigi akkuzata li kkagunat feriti ta' natura hafifa fil-konfront tal-kwerelanta u diversi cirkostanzi aggravanti peress li l-kwerelanta tigi oht zewgha u giet ukoll akkuzata li kisret il-bon-ordni u l-paci pubbliku.

---

[2] Ara s-segwenti sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri): **Il-Pulizija vs. Michael Ellul Sullivan** (11 ta' Ottubru 2012); **Il-Pulizija vs. Clive Muscat** (22 ta' Novembru 2012); **Il-Pulizija vs. George Agius** (23 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. James Grech** (7 ta' Frar 2013), **Il-Pulizija vs. Rayona Caruana et** (11 ta' Frar 2013).

Illi l-Qorti tinnota li l-imputata kienet ghall-kwiet go darha u kien ghax semghet xi ghajjat gej minn gewwa l-garaxx li hija nizlet gol-garaxx biex tara x'kien qed jigri. Mid-diversi xhieda mismugha mill-Qorti, hadd minnhom ma qal li f'xi hin l-imputata tat xi daqqa lill-kwerelanta. Da parte taghha, l-imputata, filwaqt li tichad li f'xi hin tat xi daqqa lill-kwerelanta, kemm meta xehdet quddiem il-Qorti kif ukoll meta ttiehdet l-istqarrija taghha (Dok. "BS 8" – *a fol.* 20 *et seq.*), tghid li hija marret tiftah il-bieb tal-garaxx li jaghti ghal got-triq u bdiet tghid lill-kwerelanta biex tohrog il-barra. Il-Qorti ma jibqaghlha l-ebda dubju li l-imputata ma kkawzat l-ebda griehi fil-konfront tal-kwerelanta.

Illi, fir-rigward tal-imputazzjoni l-ohra, cioé dik li tirrigwarda ksur tal-bon ordni u tal-kwiet pubbliku, il-Qorti ser timxi ma' gurisprudenza kostanti li kontravenzjoni taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik li fil-Ligi Ingliża hija *'a breach of public peace'*. Dan ifisser li persuni ohra jkunu beżghu ghall-inkolumita' taghhom waqt l-incident. Dan ma giex pruvat.

Illi b'hekk jirrizulta li l-imputazzjonijiet kollha addebitati lill-imputata ma gewx pruvati u b'hekk l-imputata ser tigi liberata minnhom.

**<u>Imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Saviour Camilleri</u>**

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>:**

**<u>(Artikoli 214, 221, 222(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**

Illi, minn dak mismugh mill-Qorti, jirrizulta li gie pruvat li l-kwerelanta sofriet griehi ta' natura hafifa meta l-imputat xejjer

il-basket li kellu f'idejh, f'liema basket kellu t-*thermos*, fil-konfront tal-kwerelanta. Il-fatt li l-kwerelanta soffriet griehi ta' natura hafifa jirrizulta mid-depozizzjonijiet li gew moghtija minn Dr. Amy Camilleri (*a fol.* 87 *et seq.*) u Dr. Suzanne Vella (*a fol.* 93 *et seq.*) li xehdu fuq ic-certifikati medici rilaxxati minnhom (Dok. "AC 1" (*a fol.* 92) u Dok. "BS 5" (*a fol.* 11)).

Illi, fir-rigward ta' kif gew kagunati l-griehi fil-konfront tal-kwerelanta, il-Qorti tinnota s-segwenti:

- Fix-xiehda moghtija minnha, il-kwerelanta tghid li l-imputat ta daqqa go rasha u ghamlilha l-punti wara li hija harget idejha l-leminija kollha kemm hi lejn l-imputat u tghid: *"qisni gbidtu minn spalltu"* (*a fol.* 67).

- Fix-xiehda tieghu, l-imputat jghid li l-kwerelanta kienet ifferocjata ghalih u kien wara li hi qabditlu idu u tatu daqqa go spalltu li hu ntilef u spicca xejjer lejha l-basket li kellu f'idejh (li fih kellu t-*thermos*) u spicca laqatha.

- Da parte taghha, l-imputata tghid li l-kwerelanta daret ghall-imputat, hatfitlu wiccu u qabditu mill-flokk u l-imputat xejjer idejh li fiha kellu l-basket bit-*thermos* u laqat lill-kwerelanta.

Jirrizulta li l-kwerelanta qabdet u dahlet fil-garaxx li fih kien hemm l-imputat minghajr ma hadd qalilha biex tidhol go fih. Da parte taghha, id-difiza tinvoka l-legittima difesa tal-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-rigward tal-offiza volontarja, il-Qorti taghmel riferenza ghall-Artikolu 223 tal-Kapitolu 9 li jiddisponi testwalment:

> "Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna […] huma mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor."

Illi, fis-sentenza moghtija fl-20 ta' Jannar 1995, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Psaila** jinghad s-segwenti fuq dina l-iskriminanti:

> "Jigi rilevat li d-dritt ghal-legittima difiza jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fondamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu innifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu tal-forza. Izda l-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex dina l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioé it-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu jrid ikun ingust, gravi u inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu *stante* li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, ried jevita xi perikolu li ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri il-periklu ghandu jkun attwali, ta' dak il-hin u mhux theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dina tista' taghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difiza legittima. Il-perikolu jrid ukoll ikun assolut, cioé li f'dak il-mument li kien qed isehh ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Izda hawnhekk ghandu jigi applikat it-test

soggettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qrati dejjem specifikaw."

Illi, dwar l-element ta' l-inevitabilita` il-Professur Sir Anthony Mamo, fin-noti tieghu **Lectures in Criminal Law, Part I**, ighid hekk (pagna 104):

> *"The accused must prove that the act was done by him to avoid an evil which could not otherwise be avoided. In other words the danger must be sudden, actual and absolute. For if the danger was anticipated with certainty, a man will not be justified who has rashly braved such danger and placed himself in the necessity of having either to suffer death or grievous injury or to inflict it. In the second place the danger must be actual: if it had already passed, it may, at best, amount to provocation or, at worst, to cold-blooded revenge, and not to legitimate defence; if it was merely apprehended, then other steps might have been taken to avoid it. Thirdly, the danger threatened must be absolute, that is, such that, at the moment it could not be averted by other means."*

Illi, minn qari akkurat ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti ma jirrizultalhiex sodisfacentement pruvat li l-imputat jista' jinvoka legittima difesa da parte tieghu u dana *stante* li d-difiza li saret da parte tal-imputat ma saritx *"biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur"*, u dana kif qalet il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Psaila** kwotata hawn fuq.

Illi, apparti dan, il-Qorti mhijiex sodisfatta li dak li ghamel l-imputat fil-konfront tal-kwerelanta ghamlu ghax il-Qorti tqies li dak li ghamlet il-kwerelanta fil-konfront tal-imputat jista' jitqies bhala li jgieghel persuna ta temperament ordinarja jitlef il-komportament logiku tieghu. B'hekk lanqas ma jista' jigi nvokat l-iskuzanti tal-provokazzjoni. M'hemmx dubju ghalhekk li l-imputat ghandu jigi misjub hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**It-Tieni (2) Imputazzjoni:**

**(Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)**

Illi, dwar din l-imputazzjoni, bhal fil-kaz tal-imputata, il-Qorti ser timxi ma' gurisprudenza kostanti li kontravenzjoni taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik li fil-Ligi Ingliża hija *'a breach of public peace'*. Dan ifisser li persuni ohra jkunu beżghu ghall-inkolumita' taghhom waqt l-incident. Dan ma giex pruvat u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minn din l-imputazzjoni.

**It-Tielet (3) Imputazzjoni:**

**(Artikoli 41(1)(a), 218(1)(a) u (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)**

Illi ghandu jinghad li sabiex jissussisti ir-reat ta' l-offiza volontarja hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Emanuel Zammit**, moghtija fit-30 ta' Marzu 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Jekk l-intenzjoni ta' l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid iwiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta' l-ghemil tieghu."

Il-Qorti tosserva madanakollu illi peress illi f'dana it-tip ta' reat, kif gie sottolinjat huwa bizzejjed illi l-intenzjoni tkun wahda generika, allura fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Dwar dana jitkellem ukoll il-Professur Mamo fin-Noti tieghu fejn ighid:

> *"the principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible";*

izda imbaghad izid hekk:

> *"Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply in dubbio pro reo".*

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika vs. Domenic Briffa** deciza fis-16 ta' Ottubru 2003, il-Qorti iccitat lill-awtur Francesco Antolisei fit-tul:

"Fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Francesco Antolisei fil-ktieb tieghu *"Manuale di Diritto Penale"* (Parte Speciale I (Giuffre` (Milano), nona edizione, 1986) ighid f'pagna 79: *"Quanto al tentativo, la nostra concezione porta ad ammettere che esso possa verificarsi anche nei confronti della lesione grave e della lesione gravissima. Che dal punto di vista naturalistico un tale tentativo sia ipotizzabile, non e` dubbio e per convincersene basta pensare al caso, tutt'altro che infrequente nella pratica, dell'individuo che getta del vetriolo contro una persona col preciso intento di sfregiarla, senza riuscire a colpirla nel viso. Di fronte al nostro diritto positivo, la giurisprudenza e la prevalente dottrina opinano che non e` consentito parlare di tentativo di lesione grave e gravissima, e ritengono che in ogni caso il reo deve rispondere di tentativo di lesione comune. Tale conclusione, peraltro, se pure in armonia con la premessa da cui viene dedotta, non puo` soddisfare, non soltanto perche` trascura marcate differenze che esistono nella realta`, ma anche perche` assicura al tentativo di lesioni gravi e gravissime un trattamento di estrema benignita`, trattamento che contrasta nel modo piu` stridente con l'inesorabile rigore che viene adottato in caso di consumazione. Di cio` si e` reso conto qualche scrittore, come il Vannini, il quale sostiene l'ammissibilita` del tentativo di lesioni gravi e gravissime, ma a noi sembra che a tale risultato non si possa logicamente pervenire se si accetta la communis opinio che ravvisa nella lesione personale una sola figura criminosa. Accogliendo, invece, il nostro assunto e riconoscendo che non una, ma tre sono le figure di lesione personale, quella conclusione si giustifica; anzi, si rende necessaria. Naturalmente la punizione per tentativo di lesione grave o gravisima presuppone l'accertamento che nel caso concreto il reo*

*mirava a realizzare uno dei risultati di cui all'art. 583. Se a tale accertamento il giudice non puo` pervenire, egli adempiera` il suo compito, applicando - come e` logico e giusto – il canone probatorio in dubio pro reo".*

Illi fid-decizjoni **Ir-Repubblika vs. Domenic Briffa**, imsemmija aktar il-fuq, il-Qorti kkonkludiet:

"Din il-Qorti tara li dana il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accetata mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna, u cioé li jista' ikollok tentattiv ta' offiza gravi jew tentattiv ta' offiza gravissima, purche' jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda minn dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz. Hekk, per ezempju, ma jistax ikun hemm dubbju li jekk persuna isawwat mara tqila bl-intenzjoni specifika li ggieghelha tehles qabel iz-zmien jew bl-intenzjoni specifika li dik il-mara tabortixxi, jekk ma jirnexxilhiex fil-hsieb taghha (u salv l-elementi l-ohra kollha tat-tentattiv) huwa koncepibbli d-delitt ta' tentattiv ta' offiza gravi fl-ewwel lok u dak ta' tentattiv ta' offiza gravissima fit-tieni lok".

Illi, kif diga inghad fil-kaz ta' offiza volontarja, l-intenzjoni generika sabiex wiehed jaghmel hsara hija bizzejjed izda fil-kaz tat-tentattiv tar-reat ta' l-offiza gravi jew gravissima l-Prosekuzzjoni jenhtiegilha tipprova lil hinn minn kull dubbju illi l-persuna akkuzata kellha l-intenzjoni specifika illi tikkaguna hsara gravi fuq il-vittma.

Illi, b'riferenza ghall-kaz odjern, wara li l-Qorti qieset id-dinamika tal-akkadut, il-griehi sofferti mill-kwerelanta, u dak kollu li gie mismugh minnha, fosthom il-fatt li l-imputat kellu f'idejh il-basket li fih kellu t-*thermos*, b'liema basket l-imputat laqghat lill-kwerelanta, il-Qorti jirrizultalha li mill-provi akkwiziti hemm diffikulta kbira sabiex jigi stabbilit lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi l-imputat kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta' Bernarda Azzopardi, specjalment meta wiehed jikkunsidra li l-imputat xejjer il-baskett li kellu f'idejh wara li l-kwerelanta gibditu minn spalltu.

Ghaldaqstant, fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi processwali, il-Qorti ma tistax issib htija fl-imputat fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi hija biss l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfont tal-imputat li giet sodisfacentment pruvata.  L-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tal-imputata ma gewx pruvati u b'hekk l-imputata ser tigi liberata minnhom.

Illi, dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat u li giet pruvata, il-fedina penali tieghu (Dok. "BS 2" – *a fol.* 8 – li hija wahda pratikament nadifa), l-eta' tal-imputat, l-isfond ta' kif graw il-fatti dakinhar tal-4 ta' Dicembru 2012 u

dak li wassal lill-imputat jikkommetti l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu. Il-Qorti tinnota li l-piena taht Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik ta' piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur jew il-multa. Din il-piena ghandha tizdied bi grad *stante* dak li jiddisponi Artikolu 222(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Tenut kont ta' dan, il-Qorti hija prekluza milli tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' multa. Il-Qorti mhijiex tal-fehma li ghandha timponi terminu ta' prigunerija effettiva fil-konfront tal-imputat *stante* l-konsiderazzjonijiet kollha li saru hawn fuq. Il-Qorti hasbet fit-tul jekk ghandhiex tikkundanna lill-imputat ghal terminu sospiz ta' prigunerija u, wara li regghet qieset il-konsiderazzjonijiet kollha li gew elenkati hawn fuq, b'mod partikolari kif graw il-fatti dakinhar tal-4 ta' Dicembru 2012, fejn il-kwerelanta qabdet u dahlet fil-garaxx tal-imputat u gara li gara, waslet ghall-konkluzjoni li anqas tali piena ma tkun wahda idonea fic-cirkostanzi. Il-Qorti qed tghid hekk minghajr ma tnaqqas xejn minn dak li sofriet il-kwerelanta. Ghaldaqstant, il-Qorti ser tghaddi biex tapplika dak li jiddisponi Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li ma ssibx lill-imputata Rita Camilleri hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha u b'hekk tilliberaha minnhom, ma ssibx lill-imputat Saviour Camilleri hati tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet miguba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnhom u, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tal-20 ta' Mejju 2013 b'mod partikolari Artikoli 214, 221 u 222(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat Saviour Camilleri hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfont tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed

tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

Finalment, il-Qorti, filwaqt li mhijiex tal-fehma li ghandha tapplika l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-hati b'garanzija personali ta' elf Euro (€ 1000) ghal zmien sena millum fil-konfront ta' Bernarda Azzopardi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------